*Sena 54 Nru. 366 - Diċembru 2021*

# Leħen il-Fgura

*Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali*



## Il-MILIED: KIF QED NIPPREPARAW GĦALIH?

Ħafna minna nkunu ħerqana nistennew jasal minn sena għall-oħra x-xahar ta' Diċembru, għaliex f'dan ix-xahar niċċelebraw festa li tferraħna lkoll. Ma nafx min ma jħobbx il-festa tal-Milied. Il-Milied hu tassew festa ta' ferħ nisrani. Ma ndumux ma nibdew nippreparaw għall-presepju, għall-Bambin, għas-siġra tal-Milied, għat-tiżjin bil-karti kkuluriti, nixtru kartolini ħalli nibgħatu lill-familjari tagħna u lill-ħbieb.

Dawn il-preparamenti kollha huma importanti għaliex idaħħluna f'dan l-ispirtu soċjali ta' ferħ. Pero ma rridux ninsew li l-Milied huwa festa nisranija. Għalhekk il-festa tal-Miġja ta' Ġesù fostna bħala bnedmin titlob minna preparazzjoni spiritwali. Il-Knisja difatti tgħinna nagħmlu din il-preparazzjoni billi minn erba' Ħdud qabel tiċċelebra żmien importanti li ngħidulu Avvent. Tul dan iż-żmien tal-Avvent, il-Knisja ddaħħalna f'mixja spiritwali lejn il-festa tal-inkarnazzjoni u t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

F'din il-preparazzjoni spiritwali għall-Milied permezz tal-Avvent, il-Knisja tibda' billi tfakkarna fit-tieni Miġja ta' Ġesù. Meta joqrob il-Milied niftakru f'dak li seħħ elfejn sena ilu, li l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna. Għalhekk importanti li f'dan iż-żmien nippreparaw ruħna sew billi nindmu u nemmnu fl-Evanġelju.

Meta nippreparaw ruħna għall-Milied b'dan il-mod, il-festa tat-twelid ta' Ġesù ssibna mħejjija għaliha u tħalli ħafna ferħ fina. Fil-Milied nagħtu u nirċievu ħafna rigali. L-aqwa u l-isbaħ rigal joffriehulna Kristu jekk nippreparaw ruħna għalih sew tul iż-żmien tal-Avvent u b'mod speċjali matul il-ġranet tan-novena tal-Milied.

Ġesù jagħtina lilu nnifsu. Ejjew inħallu lil Ġesù jimliena bil-ferħ u l-paċi tiegħu.

L-isbaħ xewqat għall-Milied u għas-sena l-ġdida lilkom u lill-familji tagħkom.

***Rev. P. Raymond Calleja O.Carm. Kappillan***

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

It-Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt mit-8.30am sal-10.00am
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ħamis mill-4.30pm sas-6.00pm

Tel: 21661745/21827900 - Mobile tal-Kappillan: 99872677
Email: carmfgu@onvol.net jew parrocca.fgura@maltadiocese.org

| | Diċembru | |
|---|---|---|
| 8 | L-Erbgħa | Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.<br>Ħarġa ta' ġurnata bil-quddiesa għall-Mellieħa. Tluq fit-8:30am.<br>6:30pm: Quddiesa kantata f'għeluq is-sena Ġużeppina. |
| 14 | It-Tlieta | Festa ta' San Ġwann tas-Salib Karmelitan u Duttur tal-Knisja.<br>Għeluq is-76 sena mill-wasla tal-patrijiet Karmelitani ġewwa l-Fgura. |
| 15 - 23 | Mill-Erbgħa sal-Ħamis | Novena tal-Milied.<br>Matul in-novena, għaqdiet differenti tal-parroċċa janimaw il-quddiesa tas-6:30pm. |
| 19 | Il-Ħadd | Il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-membri tal-M.U.S.E.U.M. |
| 22 | L-Erbgħa | Coffee Morning tal-Milied. Tluq fit-8:30am.<br>6:30pm: Quddiesa animata mill-membri tal-M.U.S.E.U.M. fl-okkażżjoni t'għeluq il-mitt sena mill-ewwel purċissjoni bil-Bambin tal-Milied. |
| 24 | Il-Ġimgħa | Lejliet il-Milied.<br>Filgħaxija jkollna l-quddies tal-Vġili tal-Milied fil-5:30pm u 6:30pm.<br>Bil-lejl il-knisja tiftaħ fl-10:30pm. Fil-11:00pm ikollna l-uffiċċju tal-qari u wara preżentazzjoni mużikali bis-sehem tal-Kor Flower of Carmel, il-Kummissjoni Tfal u l-Fgura Youth Centre. F'11:45pm issir it-translazzjoni bil-Bambin u ssir il-priedtka tat-tfal li din is-sena ser issir minn Zac Ellul u Rakele Caruana.<br>F'Nofs il-lejl tibda konċelebrazzjoni solenni tal-festa tal-Milied. |
| 25 | Is-Sibt | Solennità tat-Twelid ta' Ġesù – Festa kmandata.<br>Il-ħin tal-quddies ikun dak bħal ta' nhar ta' Ħadd. Filgħaxija jkollna żewġ quddisiet fil-5:30pm u fis-6:30pm. |
| 26 | Il-Ħadd | Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.<br>Il-quddiesa tal-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal u L-Kummissjoni Familja flimkien mal-Kor Flower of Carmel.<br>Mistiedna dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali jew li kellhom tarbija. |
| 31 | Il-Ġimgħa | Lejliet l-Ewwel tas-Sena.<br>Fl-4:30pm tibda' siegħa adorazzjoni u wara quddies fil-5:30pm u 6:30pm.<br>Wara l-quddiesa tas-6:30pm jitkanta it-Te Deum u barka sagramentali. |
| | **Jannar 2022** | |
| 1 | Is-Sibt | Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi – Festa Kmandata.<br>Il-ħin tal-quddies ikun dak bħal ta' nhar ta' Ħadd. Filgħaxija jkollna żewġ quddisiet fil-5:30pm u fis-6:30pm. |
| 2 | Il-Ħadd | Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| 9 | Il-Ħadd | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej. |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | L-Erbgħa | Coffee Morning. Tluq fit-8:30am.<br>Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fl-4:30pm bil-quddiesa. |
| 18 - 25 | Mit-Tlieta sat-Tlieta | Ġimgħa ta' Talb għall-għaqda tal-Knejjes insara. |
| 26 | L-Erbgħa | Coffee Morning. Tluq fit-8:30am. |
| | **Frar 2022** | |
| 1 | It-Tlieta | L-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja u t-twaqqif tal-parroċċa. |
| 2 | L-Erbgħa | Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej u Jum il-Ħajja kkonsagrata. |
| 6 | Il-Ħadd | Il-quddiesa tad-9:30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija.<br>Fil-quddiesa tas-6:30pm niċċelebraw l-anniversarju tal-knisja. |
| 9 | L-Erbgħa | Lejliet San Pawl, filgħaxija jkollna żewġ quddisiet fil-5:30pm u fis-6:30pm. |
| 10 | Il-Ħamis | Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl.<br>Illum hemm l-obbligu tal-quddies. Il-ħin tal-quddies ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd.<br>Ħarġa ta' ġurnata b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am. |
| 16 | L-Erbgħa | Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fl-4:30pm bil-quddiesa. |
| 23 | L-Erbgħa | Coffee Morning. Tluq minn quddiem il-knisja fid-8:45am. |
| | **Marzu 2022** | |
| 2 | L-Erbgħa | Ras ir-Randan u l-Erbgħa tal-Irmied.<br>Jum ta' Sawm u ma jsiwiex laħam |

# Parroċċa Fgura
# Bazaar tal-Milied

**(Fis-Sala San Ġorġ Preca, il-knisja l-qadima)**

**Mis-Sibt 27 ta' Novembru 2021**

**08:30am – 12:00pm**

**05:00pm – 07:00pm**

**Issibu groceries, fajjenza, ħwejjeġ godda, xorb, ċikkulatini, fashion jewellery, Christmas decorations u bosta affarijiet oħra**

**Il-Kappillan flimkien mal-komunità Karmelitana u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw lil kulħadd Milied qaddis u sena mimlija paċi u sliem.**



# TBERIK U ŻJAJJAR FIL-FAMILJI

**Jannar 2022**

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 7 | Triq Lorry Sant u Triq Sigismondo Navona |
| It-Tlieta 11 | Triq il-Karmelitani |
| Il-Ġimgħa 14 | Triq William Lassell u Triq Aldebaran |
| It-Tlieta 18 | Triq Wistin Levanizin, Wesgħa Ġużeppi Gauci u Triq Fredu Abela. |
| Il-Ġimgħa 21 | Vjal Kottoner minn Pjazza Kunsill tal-Ewropa sa Triq Bormla (iż-żewġ naħat) |
| It-Tlieta 25 | Vjal Kottoner (naħa numri biż-żewġ minn Triq Bormla sa Triq il-Bieb) |
| Il-Ġimgħa 28 | Vjal Kottoner (naħa numri bil-fard minn Triq Bormla sa Triq il-Bieb) |

**Frar 2022**

| | |
|---|---|
| Ġimgħa 4 | Triq Merħba (naħa numri biż-żewġ minn Triq San Xmun sa Triq San Tumas) |
| It-Tlieta 8 | Triq Merħba (naħa numri bil-fard minn Triq San Xmun sa Triq San Tumas) |
| Ġimgħa 11 | Triq Merħba (naħa numri biż-żewġ inkomplu minn Triq San Xmun) |
| It-Tlieta 15 | Triq Merħba (naħa numri bil-fard inkomplu minn Triq San Xmun) |
| Ġimgħa 18 | Triq A.M. Valperga |
| It-Tlieta 22 | Triq il-Koppla (naħa numri biż-żewġ) |
| Ġimgħa 25 | Triq il-Koppla (naħa numri bil-fard) u Triq l-Isturnell |

**Marzu 2022**

| | |
|---|---|
| Ġimgħa 4 | Triq Kent iż-żgħira u Triq l-Isponsun |
| It-Tlieta 8 | Triq San Tumas (naħa ta' Ħal Tarxien numri bil-fard) |
| It-Ġimgħa 11 | Triq San Tumas (naħa ta' Ħal Tarxien numri biż-żewġ) |
| It-Tlieta 15 | Triq San Tumas (naħa ta' Bormla numri bil-fard) |
| It-Ġimgħa 18 | Triq San Tumas (naħa ta' Bormla numri biż-żewġ) |
| It-Tlieta 22 | Triq il-Kitba u Triq it-Tagħlim |
| It-Ġimgħa 25 | Triq il-Bieb, u Triq il-Foss |
| It-Tlieta 29 | Triq Louis Scicluna u Triq Titu Brandsma |



**April 2022**

| | |
|---|---|
| It-Ġimgħa 1 | Triq tal-Klerku |

**It-tberik u ż-żjajjar tal-familji jkomplu wara l-festi tal-Għid il-Kbir**